# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 44**

**Avviz numru 625/97/SM**

**David Warrington ghan-nom u n-rapprezentanza tad-ditta "Allied Insurance Services Limited" bhala agenta tas-socjeta' estera "Legal & General Assurance Society Ltd" kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Carmen Gatt.**

**vs**

**Joseph Cutajar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Marzu ta' l-1997 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-attur nomine dik is-somma ta' mija u sittax Liri Maltin (Lm116.00) okkorrendo jekk hemm bzonn n-nomina ta' periti nominandi, rapprezentanti d-danni nkorsi mill-assigurat tad-ditta attrici in konsegwenza tal-kollizjoni li grat fil-25 ta' Mejju, 1996, bejn il-karozza F-4181 misjuqa mill-konvenut u l-karozza XTC 777 proprjeta' tal-assigurat liema, danni kellha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta' assigurattrici skond il-polza u l-ligi;**

**2. Bl-ispejjes u l-imghax legali nkulizi dawk tal-ittra bonarja;**

**3. Illi l-konvenut hu msejjah ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-29 ta' Jannar ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi l-konvenut bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghall-hsarat riferuti ghalihom fl-avviz peress li kwalunkwe hsarat li setghu saru saru minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn naha tal-assisgurat tas-socejta' attrici;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, d-danni u l-valur tal-istess danni allegatament subiti ghandhom jigu ppruvati;**

**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fil-25 ta' Mejju ta' l-1996 ghall-habta tal-5.00 ta' filghaxija u fih kienu nvoluti l-vettura tal-marka Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni XTC-777, u l-vettura tal-marka Marina bin-numru ta' registrazzjoni F-4181;**

**2. Illi l-incident de quo sehh meta l-vetturi fuq imsemmija kienu fi Triq il-Mediterran, il-Belt, dik bin-numru XTC-777 ipparkjata kif jidher fl-iskizz anness f'din il-procedura;**

**3. Illi rrizulta li l-vettura bin-numru F-4181 li kienet proprju wara l-vettura l-ohra fuq imsemmija strahet jew nizlet xi ftit fuq din l-istess vettura u waqfet mal-"bumper" taghha;**

**4. Illi skond l-ufficjal tal-pulizija li mar fuq il-post u ra l-vetturi kkoncernati kkonferma bil-gurament tieghu li "il-hsara li rajt kienet minima hafna", (ara fol 30);**

**5. Illi pero' l-atturi jsostnu mod iehor stante li rrapportaw hsara fil-"bumper" tal-vettura XTC-777 fuq riferita fl-ammont mitlub fl-avviz odjern;**

**6. Illi minn naha tieghu l-konvenut isostni li l-vann tieghu bin-numru F-4181 kien ilu pparkjat jumejn u l-konducent tal-vettura XTC-777 mar il-hanut tieghu jitolbu jressaqqlu ftit il-vann biex ikun jista' johrog;**

**7. Illi meta l-konvenut tela' fil-vann tieghu biex jaghmel hekk u meta kien ghadu lanqas biss startja l-istess vann beda jisma' hafna kliem indecenti u gie informat li kien laqat il-vettura ta' warajh;**

**8. Illi ghalhekk saret din il-kawza;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi a bazi ta' l-uniku xhud okulari jirrizulta li anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument sehhet il-kollizjoni pprospettata**

**mill-atturi, deher car li l-hsara reklamata ma tirriflettix dik li setghet sehhet fil-realta' u li rrefera ghaliha l-istess xhud;**

**Illi di piu`, jirrizulta kontra l-logika xjentifika li vann jirriversja meta jkollu l-magna ghadha mihiex imqabda;**

**Ghaldaqstant, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez;**

**Finalment thoss l-obbligu morali li tirrileva li numru bhal dak tal-vettura tal-marka Seat Ibiza involuta f'dan l-incident mhux xieraq meta wiehed jikkonsidra l-ambjent lokali rigward ir-rovina ikkawzata mid-drogi u l-accettazzjoni ta' l-awtorita` kompetenti li tippermetti tali numru ta' registrazzjoni, (XTC-777), hu ta' min jistmerru u jikkundannah ghaliex turi insensitivita` enormi li permezz taghha tavalla bhala posittiv haga li fiha nfisha hi verament negattiva u deplorevoli;**

**Illi l-messagg socjali li awtoritajiet pubblici ghandhom jaghtu ghandu jkun ferm differenti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**